# *KUNSILL LOKALI MARSA*

*Minuti tat-tnax il-laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 20 ta' April 2016 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fis-Sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħdax-il (11) laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa 16 ta' Marzu 2016.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi-Sindku Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono xtaq jikkumenta fuq l-attivita' li ġiet organizzata mill-Iskola Primarja b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, liema attivita' kienet ta' suċċess u li l-Iskola flimkien mal-Kunsill għandhom iħarsu 'l quddiem biex din l-attivita' tidħol fil-kalendarju u terġa ssir fis-snin li ġejjin. Is-Surmast tal-Iskola informa lis-Sindku li fl-attivita' inġabret is-somma ta' Eur700 li ħa tingħata bħala donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill qabel unanimament biex tintbagħat ittra ta' awgurju tas-suċċess miksub f'din l-attivita' u sabiex jiġi nkuraġġut sabiex din l-attivita' terġa ssir. Bl-istess mod il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra ta' awgurju lill-Marsa FC tas-suċċess miksub permezz tal-promozzjoni fl-Ewwel Diviżjoni.

3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill bil-laqgħa li saret mal-Police Drug Squad li għaliha attendew ukoll il-kunsilliera s-Sur Frank Zammit u s-Sur Dominic Spencer.

3.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li huwa kien se jattendi għall-Konferenza organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Bridgwater, il-lokalita' ġemellata mal-Marsa, u li kien se jħallas minn butu. Il-Kunsillier Dominic Spencer sostna li huwa ma jħossx li biex is-Sindku jattendi għall-Konferenza relatata mal-Kunsill għandu jħallas minn butu, iżda jissuġġerixxi li jkun il-Kunsill li jħallas għal dawn l-ispejjeż. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit u l-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qablu wkoll mal-Kunsillier Spencer. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u akkomodazzjoni lis-Sindku sabiex ikun jista' jattendi għall-Konferenza organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Bridgwater.

## 4. ***<u>Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-17 ta' Marzu 2016 sal-20 ta' April 2016.</u>***

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Fir-rigward tat-talba mill-Kumitat Festi Esterni .Ssma Trinita' sabiex jiżdiedu tlett toqob u sabiex il-gabbani fil-festa jintramaw minn Attard & Co 'l isfel, il-Kunsill qabel unanimament biex jintlaqgħu it-talbiet fejn fir-rigward tal-gabbani ħa jsiru marki fejn jistgħu jarmaw. Madanakollu, s-Sindku s-Sur Francis Debono irrimarka li din ma tapplikax għas-sidien tal-ħwienet fejn m'għandhomx joħorġu mwejjed nhar il-Ħadd filgħaxija waqt il-purċissjoni biss. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa fejn il-Kunsill approva unanimament li jagħmel riklam fil-pubblikazzjoni tagħhom bil-prezz ta' Eur250.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq ittra mibgħuta mill-Marsa Regatta Club fejn urew diżappunt li l-Kunsill ma attendiex għall-attivitajiet tagħhom, apparti l-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi li attenda, u fejn talbu laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-laqgħa tkun iffissata fl-4 ta' Mejju filgħaxija.

4.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq l-approvazzjoni minn Transport Malta u l-Awtorita' tal-Ippjanar biex jittrasferixxu l-ħwat ta' Triq Balbi. Għaldaqstant il-Kunsill qabel biex tinħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet biex isir dan ix-xogħol. Il-Vici-Sindku Josef Azzopardi ssuġġerixxa li ssir grada mad-dawra.

4.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq talba mill-kumpanija PAL sabiex ikollhom Un/loading. Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrimarka li l-applikazzjoni trid issir lil Transport Malta.

4.7 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq talba mill-Kumitat Festi Esterni Maria Regina sabiex issir laqgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament biex il-laqgħa ssir fl-4 ta' Mejju filgħaxija.

4.8 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza minn TCTC biex isiru l-korsijiet fis-sajf immirati għat-tfal bejn l-4-10 snin u bejn il-11 u l-14-il sena, bl-istess arranġament tas-soltu. Il-Kunsill approva unanimament.

4.9 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza minn Transport Malta dwar l-iskema ta' Parkeġġ Residenzjali ristrett bil-ħin fi Triq Fra Diegu, Triq is-Sajjieda u Il-Moll tal-Ħatab, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li din l-iskema hija sospiża u għalhekk dawn it-tabelli mhumiex infurzabbli bil-liġi.

4.10 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinħatar Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li fis-sejħiet pubbliċi li kien għamel il-Kunsill ħadd ma kien wera interess. Il-Kunsill qabel unanimament biex tintbagħat ċirkulari lill-għaqdiet ħalli jiġi nominat zagħżugħ/a bħala Ambaxxatur.

4.11 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrefera għall-ittra mingħand riċerkatur li qed jagħmel riċerka dwar l-istorja, fejn il-Kunsill qabel unanimament biex lil dan is-sinjur il-Kunsill jibgħatlu id-dettalji tal-Viċi-Sindku ħalli jikkuntattja lilu sabiex ikun jista' jgħinu.

4.12 Is-Sindku s-Sur Francis Debono rrefera għall-istedina mill-Universita' ta' Malta dwar seminar li se jsir fit-23 ta' April dwar "il-Power Station u l-madwar, mill-imgħoddi għall-ġejjieni", fejn stieden lil Kunsilliera sabiex min jista' jattendi għal dan is-seminar.

## *5. Schedule of Payments 04/16*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## *6. Purchase Order 4219 - 4227*

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4219 sa 4227 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *7. Purchase Request 3195 - 3203*

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3195 sa 3203 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. European Youth Event

8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit kien applika fuq stedina tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jattendi għal European Youth Event ġewwa Strasbourg fejn l-ispejjeż se jkunu mħallsa mill-Assoċjazzjoni apparti s-somma ta' Eur270 li trid titħallas mill-Kunsill Lokali rispettiv.

8.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li dan il-ħlas għadu kif ġie approvat fl-iskeda ta' pagamenti u għaldaqstant dan ġa ġie approvat unanimament.

## 9. Approvazzjoni tar-Rapport tal-Awditur għas-Sena Finanzjarja 2015

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv iressaq għall-approvazzjoni r-Rapport tal-Awditur għas-Sena Finanzjarja 2015.

9.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li mir-Rapport Finanzjarju mressaq qabel ma' beda l-awditjar, saru tlett aġġustamenti mitluba mill-Awditur. Dawn l-aġġustamenti kienu jirrigwardjaw *reclassification* tad-*depreciation* u dwar *reclassification* ta' *income* għal *deferred income*. Għaldaqstant is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju Awditjat bl-aġġustamenti msemmija. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-vot kien favur b'mod unanimu.

## 10. Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Reports: Oct – Dec 2015

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv iressaq għall-approvazzjoni l-Quarterly Financial Reports għall-aħħar kwart tas-sena 2015.

10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li prattikament dan ir-rapport għandu l-istess figuri tal-Financial Statements għas-sena 2015 peress li huwa tal-aħħar kwart tas-sena. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li l-Kunsill għalaq is-sena b'*Financial Situation Indicator* ta' 11.97%. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju għall-aħħar Kwart tas-sena 2015 (Ott-Diċ). Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-vot kien favur b'mod unanimu.

## 11. Ħruġ ta' Tender "Cleaning of Racecourse Area"

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li dan il-kuntratt wasal biex jiskadi u għaldaqstant jeħtieġ li tinħareġ sejħa għall-offerti. Il-Kunsill approva unanimament.

11.2 Intant, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-proċedura dwar il-ħruġ tal-offerti nbidlet u l-Kunsilli Lokali huma obbligati li dawn l-offerti jinħarġu bis-sistema tal-Electronic Procurement System. Dan ifisser li hemm bżonn li l-Kunsill jagħżel l-Opening Staff u l-Membri tal-Bord tal-

Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Opening Staff ikun magħmul miż-żewġ impjegati tal-Kunsill Lokali filwaqt li l-Bord tal-Evalwazzjoni ikun iffurmat mill-membri tal-Kunsill kollha.

## 12. *Proposti għal żewġ proġetti bil-fondi tal-Urban Improvement Funds*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona biex il-Kunsill japplika għal żewġ proġetti taħt il-fondi tal-*Urban Improvement Funds*. Dawn iż-żewġ proġetti pproposti mis-Sindku huma dawn:
- pavimentar taz-zuntier ta' quddiem il-Knisja ta' Maria Regina
- tisbiħ tal-vaska tal-papri fil-Ġnien Diċembru Tlettax

12.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li fir-rigward tal-vaska, il-Kunsill se jiltaqa' mal-perit tal-Awtorita' tal-Ippjanar inkarigat mill-fondi tal-UIF sabiex jagħti xi ideat dwar kif jista' jsir dan it-tisbiħ ta' din il-funtana.

12.3 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer fakkar fil-proġett tat-tarf ta' Triq Isouard/Triq Stiefnu Zerafa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li dwar dan il-proġett diġa kien approvat mill-Kunsill li jsir u għaldaqstant dan jinsab fil-pjan tal-Kunsill.

12.4 Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsill jibda x-xogħol preparatorju għaż-żewġ proġetti pproposti mis-Sindku, jiġifieri tal-pavimentar taz-zuntier ta' Maria Regina u t-tisbiħ tal-vaska.

## 13. *Xiri ta' Software tal-Payroll*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex il-Kunsill jixtri *software* tal-*payroll* peress li dan jiffaċilita' x-xogħol amministrattiv.

13.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Awdituri kemm-il darba irrimarkaw biex il-Kunsill jixtri dan is-*software* filwaqt li anke l-*Accountants* l-ġodda tal-Kunsill talbu dan is-*software*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjoni mingħand *Technosoft Ltd* li sabiex tiġi nstallata din is-sistema, bil-liċenzja b'kollox tiġi tiswa Eur778.80. Il-Kunsill qabel unanimament li jixtri dan is-*software*.

## 14. *Flyers dwar l-Iskart tal-Għażla u Skart Goff*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex fid-dawl tal-proċeduri ġodda mdaħħla mill-WasteServe Ltd partikolarment fil-ġbir ta' skart goff li jrid ikun separat minn dak kkunsidrat bħala WEEE(prodotti elettroniċi), il-Kunsill jibgħat flyers fid-djar ħalli jiġi spjegat lilhom din il-bidla kif ukoll jiġu mfakkra fl-obbligi tagħhom. Il-Kunsill approva unanimament.

14.2 Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issuġġerixxa biex il-Kunsill iressaq talba lill-LESA dwar l-impjieg ta' Eco Wardens. Il-Kunsill għandu jivverifika mal-LESA dwar din it-talba.

## *15. Servizz ta' Tindif Addizjonali fil-ġranet tal-Festa*

15.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq skeda tas-servizz ta' tindif addizjonali fil-ġranet tal-Festa. Din l-iskeda tikkonsisti billi jsir tindif kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġimgħa 20 u s-Sibt 21 ta' Mejju | - | servizz ta' zewġ kenniesa mis-1.00pm sa 3.00pm u jsiru Triq Balbi u t-toroq tal-madwar |
| Il-Ħadd 22 ta' Mejju - | | servizz ta' tlett kenniesa u scammel mis-1.00pm sa l-4.00pm u jsiru dawn it-toroq: Triq Sajjieda, Triq Fra Diegu, Triq Zerafa, Marsa Road, Triq is-Sebħ u Triq Balbi. |
| It-Tnejn 23 ta' Mejju - | | servizz ta' zewġ kenniesa mis-1.00pm sat-3.00pm u jsiru Triq Balbi u t-toroq tal-madwar |

Il-Kunsill approva l-istima ta' Eur819.51 sabiex isir dan it-tindif addizzjonali.

15.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa sabiex it-tindif isir mal-lejl wara l-marċ minflok isir l-għada filgħodu. Is-Sindku s-Sur Francis Debono għandu jiċċekja mal-kuntrattur jekk dan jaċċettax li jagħmel it-tindif filgħaxija wara l-marċ minflok filgħodu mingħajr żieda fil-kwotazzjoni.

15.3 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa dwar jekk il-latrini pubbliċi hux ħa jkunu miftuħin l-ħin kollu fil-ġranet tal-festa. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb fl-affirmattiv.

## *16. Tweġibiet għall-mistoqsijiet ippreżentati mill-Kunsilliera*

16.1 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit saqsa dwar jekk iż-żewġ WIFI Spots li kellhom jiżdiedu jekk dawn bdewx fis-seħħ. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja mal-awtoritajiet dwar dan.

16.2 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit saqsa dwar jekk fis-Sajf il-Kunsill huwiex se jorganizza xi attivita kulturali. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li huwa jħoss li attivita' tajba għandha tkun bħal dik li saret mill-Iskola Primarja, u li l-Kunsill għandu jara aktar 'il quddiem meta tinħareġ xi skema għall-organizazzjoni ta' attivitajiet.

16.3 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issuġġerixxa biex il-Kunsill javvicina lis-SEDQA jew xi għaqda oħra simili ħalli torganizza taħdita immirata partikolarment liż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel.

16.4 Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit ssuġġerixxa biex il-Kunsill javviċina lil kumpaniji kbar bħal Go plc u oħrajn li jħaddmu numru kbir ta' ħaddiema, sabiex flimkien tiġi esplorata l-possibilta' tal-Park and Ride ħalli tittaffa' l-problema tal-parkeġġ f'dik l-akkwata.

16.5 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa dwar x'sar mill-monument tal-mitt sena. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li dan il-monument li huwa diġa mħallas għandu jsir hekk kif il-Kunsill ikollu l-permessi neċessarji tal-Mepa u dan ikun parti mill-attivitajiet li qed jiġu ċċelebrati dan iz-zmien iċ-Ċentinarju mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja.

16.6 Il-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa dwar l-ħadida li kienet intalbet quddiem il-każin tar-Regatta. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li din saret.

16.7 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer saqsa dwar jekk l-Kunsill hux jagħmel rikors dwar il-konfini tal-Marsa fejn hemm toroq li qed jiġu meqjusa mal-konfini ta' Kunsilli Lokali oħrajn meta storikament dawn kienu jagħmlu mal-konfini tal-Marsa. Il-Kunsill iddeċieda sabiex jiltaqa' mal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun ħalli jara jekk għandux oġġezzjoni li l-Kunsill jagħmel talba lill-Kummissarju Elettorali Ewlieni fir-rigward ta' toroq li suppost huma mal-konfini tal-Marsa iżda qed jagħmlu parti mill-konfini tal-Ħamrun. Il-Kunsill qabel ukoll li jiddelega lill-Viċi-Sindku s-Sur Josef Azzopardi biex flimkien mal-Għaqda Storika u Kulturali Marsa tħejji rapport dwar il-konfini tal-Marsa ħalli l-Kunsill ikun jista' jressaq każ quddiem il-Kummissarju Elettorali Ewlieni.

## *17. Aġġornament tal-Laqgħa*

17.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju 2016 fis-sitta ta' filgħaxija (6.00pm).

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8.15pm)

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Data: 4 ta' Mejju 2016